# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' April, 2025.**

**Numru 7**

**Rikors numru 45/2019/1 MCH**

**PTK Limited**

**v.**

**Alfred Zarifa u**
**Olena sive Elena Viktorivna Zarifa**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenuti mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Marzu 2021 u li biha kkundannathom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €21,765.20.

2. Għal dak li huma fatti, il-konvenuti xtraw mingħand l-attriċi għamara, *blinds*, u drapp għall-kuxxini, purtieri, *bed covers* u *bed throws*. Is-somma ta' €21,765.20 hu bilanċ minn somma akbar peress li l-konvenuti kienu ħallsu depożitu. Fiha hemm inkluż ukoll il-ħjata ta' purtieri, *quilting* ta' *bed covers* u *bed throws* li saru minn ċertu Irene Agius fl-ammont u tqegħid tal-purtieri, u *blinds* u żewġ *rails* tal-*blinds*. Xogħol li sar minn ċertu Clifton Galea. Persuni li ntagħżlu mill-attriċi. Fis-16 ta' Ottubru 2012 il-konvenuti ffirmaw skrittura privata ma' Pippa Toledo Design Limited, li għandha l-istess direttur bħal dik attriċi, sabiex tagħtihom servizz ta' *interior design* fid-dar tagħhom. Fil-kuntratt jingħad li x-xogħol li ser isir fil-fond ser isiru minn terzi persuni nkarigati minn dik il-kumpannija għan-nom tal-konvenuti jew mill-konvenuti stess skont kif jagħżlu, u *"3... in both cases giving rise to a direct juridical relationship between the Client and any such third parties. The Client shall consequently enter into separate agreements with the said third parties for the supply and delivery of works and materials ....".* Il-konvenuti rrifjutaw li jħallsu l-bilanċ ta' €21,765.20.

3. Kien għalhekk li fit-18 ta' Jannar 2019 l-attriċi fetħet il-kawża u talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment debituri tal-attriċi għas-somma ta' €21,765.20 u sabiex tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dik is-somma, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali sakemm isir il-ħlas.

4. Permezz ta’ tweġiba preżentata fit-28 ta’ Marzu 2019 il-konvenuti wieġbu li:

> *“1. Illi r-rapport guridiku bejn l-intmati u l-azzjonisti u diretturi tas-socjeta rikorrenti attrici tramite s-socjeta assocjata Pippa Toledo Design Limited ma kienx biss wiehed ta' sempliciment bejgh ta' oggetti u ta' provizzjoni ta' servizzi li gew rezi minn terzi izda kien wiehed li jkopri rwol min-naha ta' Pippa Toledo Design Limited, ta' designer u ta' persuna inkarigata bl-arredament tar-residenza tal-eccipjenti u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat f’aktar dettal fil-kors tas-smigh tal-kawza.*
>
> *2. Illi fl-esekuzzjoni tar-rwol ta' designer u ta' persuna inkarigata bl-arredament tar-residenza tal-eccipjenti, is-socjeta assocjata Pippa Toledo Design Limited kienet permezz tas-socjeta assocjata PTK Limited tbiegh oggetti ta' arredament ghad-dar u tipprovdi servizzi minn terzi lill-eccipjenti.*
>
> *3. Illi l-bejgh ta' dawn l-oggetti u provizzjon tas-servizzi minn terzi mis-socjeta rikorrenti attrici PTK Limited kien isir fuq rakkomandazzjoni, parir u struzzjonijiet tas-socjeta assocjata Pippa Toledo Design Limited.*
>
> *4. Illi l-bejgh u l-konsenja tal-oggetti imsemmija fir-rikors guramentat u l-provizzjoni tas-servizzi minn terzi mis-socjeta rikorrenti attrici lill-eccipjenti jinhtieg li jigu ppruvati.*
>
> *5. Illi kif ser jirrizulta fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza s-socjeta Pippa Toledo Design Limited ikkommettiet nuqqasijiet kawza ta' traskuragni, mankanza ta' sengha u arti u zbalji f’qisien u f’attenzjoni ghad-dettal, bil-konsegwenza li hafna mill-oggetti fornuti u mis-servizzi minn terzi rezi tramite l-istess socjeta PTK Limited ma kienux tal-kwalita miftehma u kienu deficitarji f’diversi aspetti u dan kif se jigi spjegat u ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza.*
>
> *6. Illi l-eccipjenti f’diversi okkazzjonijiet u b'mod kostanti kienu jitolbu lil Pippa Toledo l-amministrattrici u direttrici tas-socjeta Pippa Toledo Design Limited u l-amministrattrici u d-direttrici tas-socjeta rikorrenti attrici sabiex tmur fir-residenza taghhom u tikkonstata b'mod dirett in-nuqqasijiet u d-deficenzi li huma kienu riskontraw, izda dan Pippa Toledo qatt ma ghamlitu bil-konsegwenza li l-eccipjenti ddecidew li ma jhallsux ghall-prodotti u ghas-servizzi li ma kienux tal-kwalita miftehma u li kienu deficitarji f’diversi aspetti.*
>
> *7. Illi l-eccipjenti ma kellhom ebda diffikulta li jhallsu ghal dak li rrizulta li huwa tal-kwalita u tal-livell, daqs u dehra li gew maghhom miftehma, imwieghda u indikati mid-designer taghhom Pippa Toledo tramite s-socjeta Pippa Toledo Design Limited, li hija assocjata tas-socjeta rikorrenti attrici, izda dak li gie kkonsenjat u pprezentat lilhom fil-verita u materjalment huwa differenti f’termini ta' kwalita, livell, daqs u dehra u jikkuntrasta ma' dak li kellhom ikunu l-kwalita, il-livell, id-daqs*

*u d-dehra li Pippa Toledo kienet weghdet u impenjat ruhha li tipprovdi, u dan kif ser jigi muri fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza.*

*8. Illi l-eccipjenti hallsu ammonti sinjifikanti lir-rikorrenti attrici kif ser jigi muri u ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza u ghalhekk dak mitlub permezz tal-procedura odjerna huwa ammont rimanenti minn ammont akbar u dan jipprova kemm in-nuqqas ta' hlas ta' dan l-ammont ma kienx ghall-raguni fiegha u minghajr fondament.*

*9. Illi r-rikorrenti attrici konvenjentement izda b'mod totalment skorrett, li jmur kontra l-obbligu li f'rikors guramentat li jippromwovi kawza, tinghad il-verita shiha, estrapolat mir-rapport guridiku shih li hija u s-socjeta assocjata taghha Pippa Toledo Design Limited kellhom mal-eccipjenti, fatturi li baqghu ma thallsux meta l-istess socjeta rikorrenti attrici hija ben konsapevoli li l-ammont ta' dawn il-fatturi, reklamat u mitlub minnha, jirreferi ghall-bejgh ta' oggetti u ghall-provizzjon ta' servizzi li dwarhom l-eccipjenti kellhom reklam u lamentela u li oggetti u servizzi ohra li dwarhom ma kienx hemm reklam u lamenteli kienu thallsu."*

5. Bis-sentenza tal-25 ta' Marzu 2021 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti kienu dawn:

*"Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti iddikjaraw li s-socjeta PT Design ikkommettiet nuqqasijiet kawza ta' traskuragini, mankanza ta' sengha u arti, zbalji fil-qisien u attenzjoni ta' dettal.*

*Jigi rilevat li PT Design mhijiex parti f'dina l-kawza. L-atturi huma assocjati ma' PT Design imma l-konvenuti xtraw l-oggetti mertu ta' dina l-kawza mill-hanut tal-atturi minn fost hwienet ohra u mhux minghand PT Design. Ix-xoghol li ghamlet PT Design hu separat u differenti minn dak tal-hanut attur PTK Ltd u mhux mertu ta' din il-kawza.*

*Il-konvenuti ssottomettew li t-talba tas-socjeta attrici kwantu ghal pretensjoni ta' hlas lil terzi, mhijiex legalment permissibili billi hi ma gietx surrogata fid-drittijiet ta' dawn it-terzi.*

*Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici kellha diversi nies li qed jahdmu fuq il-progett. Dawn il-haddiema ma kienux qed jahdmu indipendentement mis-socjeta attrici imma kienu mqabbdin minnha. Illi meta saret l-ordni u thallas id-depozitu, l-ammont kien jinkludi l-kont ta' dawn il-haddiema inkluza l-hajjata u lil Clifton Galea. Jigi rilevat li l-konvenuti qatt ma dahlu f'xi relazzjoni diretta mal-haddiema terzi li tqabbdu mis-socjeta attrici u li kellha thallashom hi meta l-konvenuti naqsu milli jhallsu dak li kien dovut.*

*Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw l-ammont mitlub fir-rikors promotur per se imma li s-servizzi li huma jghidu ma kienux tal-kwalita miftehma u li kienu neqsin f'diversi aspetti. Fil-fatt il-konvenut xehed li hu kien hallas il-fornituri l-ohra li kienet issuggeriet Mrs. Toleda izda mhux lil PTK Limited billi kien hemm nuqqasijiet ta' certa rilevanza (ara fol. 136 xhieda tal-konvenut tal- 3 ta' Marzu 2020). Inoltre jirrizulta li l-konvenuti kienu accettaw l-istima tas-socjeta attrici u anke hallsu depozitu ta' 50% fuq l-ammont miftiehem. Il-konvenuti jsostnu li kieku ma ridux ihallsu ma kienux se jaghmlu depozitu ta' 50%. Jigi rilevat li certi fornituri terzi li kellhom jithallsu mill-konvenuti skont il-ftehim (Dok. DC1 a fol. 36) thallsu mis-socjeta attrici billi l-konvenuti kienu qed jirrifjutaw li jhallsu l-bilanc mitlub li kien jinkludi xoghol ta' dawn it-terzi.*

*Ghalhekk l-eccezzjoni fejn l-konvenuti qed ighidu illi l-bejgh u l-konsenja tal-oggetti imsemmija fir-rikors guramentat u provizzjoni tas-servizzi minn terzi mis-socjeta rikorrenti attrici lill-eccipjenti jinhtieg li jigu ppruvati, qed tigi michuda billi din il-prova saret mis-socjeta attrici.*

*Fil-mertu l-konvenuti qed jeccepixxu illi s-socjeta Pippa Toledo Design Limited ikkommettiet nuqqasijiet kawza ta' traskuragni, nuqqas ta' sengha u arti u zbalji f'qisien u f'attenzjoni ghad-dettal, bil-konsegwenza li hafna mill-oggetti fornuti u mis-servizzi minn terzi maghmula tramite l-istess socjeta PTK Limited ma kienux tal-kwalita miftehma u kienu nieqsa f'diversi aspetti.*

*Il-konvenutipprezenta d-dokument AZ7 a fol. 128 fejn ghamel lista ta' oggetti fornuti u l-lanjanzi relattivi ghal kull fornitura. Fix-xiehda tal-konvenuti saret referenza ghal parti minn dawn l-oggetti. Fid-dokumenti jissemmew:*

*Large door curtain pleats*

*Curtain is not covering the window to create a complete blackout.*
*Bedroom frames not elevated and are of poor quality. They were wrongly measured and had scratches.*

*Wallpaper is of very poor quality and thin.*
*Curtains colour fabric did not match with the wallpaper.*
*The Ottoman box opens upwards and hits mirror.*
*Complaints about kitchen and garden. (Dawn bil-kemm jissemmew fix-xhieda tal-konvenuti u tal-atturi).*

*Is-socjeta attrici tikkontesta dan billi tissottometti li meta saret il-konsenja din saret fuq l-ordni u l-ghazla tal-konvenuti u l-konvenut kien ilmenta biss dwar il-kulur tal-purtieri (u mhux dwar dawl) u l-headboard li huma rrangaw. L-ilmenti l-ohra, il-konvenut kien qalahhom meta kienu talbuh ihallas il-bilanc (ara messaggi a fol. 52 et seq.).*

*Il-Qorti tirrileva li t-tip ta' eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut tinkwadra ruhha fid-dispost tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jipprovdi li:*

> *Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*
>
> *Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott** (App 19/05/2000) gie ritenut li "Din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz tal-oggett in vendita"*
>
> *L-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti mhijiex eccezzjoni dwar vizzju redibitorju billi din ma tistax tigi dedotta per via d'eccezione billi d-dritt naxxenti mill-vizzju redibitorju ghandu jigi ezercitat fi zmien utili permezz ta' azzjoni appozita.*
>
> *Fid-dispost tal-artikolu 1390 il-ligi specifikat b'precizjoni kif kellu jagixxi l-kompratur li ma kienx sodisfatt bl-oggett li l-venditur ipprova jikkonsenjalu. Il-ligi taghti direttivi precizi x'kellu jaghmel il-kompratur biex jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur una volta dak l-oggett ma jkunx skont tal-kwalita mwieghda jew ma jkunx skont il-kampjun. Id-difiza primarja tal-kompratur kienet li jirrifjuta l-oggett materjalment billi jiddepozitah taht l-awtorita tal-Qorti. Jista' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas ghalih prezz anqas. Din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita. Mill-banda 'l ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irrimedjabilment il-posizzjoni tieghu. Fi kliem iehor, il-kompratur ma ghandux dritt izomm l-oggett konsenjat lilu u ma jhallasx il-prezz miftiehem sakemm dak l-istess oggett ma jigix sostitwit b'iehor tal-kwalita pattwita jew skont il-kampjun (Dalli vs Patiniott fuq citata).*
>
> *L-Artikolu 1390 jirrigwarda partikolarment il-mument tal-konsenja tal-haga, u cioe meta x-xerrej josserva illi l-haga li qed tigi konsenjata lilu mhix tal-kwalita mweghda.*
>
> *Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt iwasslu lill-Qorti biex tosserva s-segwenti fir-rigward tal-kaz in ezami.*
>
> *Il-konvenuti qed jibbazaw il-lanjanzi taghhom fuq il-fatt li hafna mill-oggetti fornuti u mis-servizi minn terzi rezi tramite l-istess socjeta PTK Limited ma kienux tal-kwalita miftehma u kienu nieqsa f'diversi aspetti.*
>
> *Jirrizulta li meta persuni mqabbda mis-socjeta attrici marru biex iwahhlu l-purtieri, l-ewwel darba kien hemm problema dwar hlas min-naha tal-konvenut u wara rassikurazzjoni min-naha tal-konvenuti li l-hlas kien se jsir, is-socjeta attrici accettat li twahhal il-purtieri u ssir il-konsenja tal-ordni. Meta twahhlu l-purtieri l-konvenut kien ilmenta biss dwar il-kulur tal-purtieri u dwar headboard wahda li trangat (ara messagg a fol. 53 u*

*59). Irene Agius, li wahhlet il-purtieri, xehdet li l-ilment tal-konvenut kienet biss dwar il-kulur u t-throw. Il-kuluri kienu ghazluhom il-konvenuti. L-ilmenti l-ohra l-konvenut beda jaqlaghhom meta intalab biex ihallas.*

*Meta s-socjeta attrici talbet il-pagament lill-konvenut huwa beda jaqla aktar ilmenti li imbaghad gew elenkati fid-Dok. AZ7 li hu ezebixxa. Il-konvenut xehed li n-nuqqasijiet kienu zghar u ghalkemm kien talab lill-atturi biex jirrangaw dawn ma resqux u kellu jirranga mod iehor b'haddiehor. Meta ra li ma kienx hemm twegiba minn naha tas-socjeta attrici kien kiteb permezz tal-avukat imma baqghu jinjorawh.*

*Il-fatti pero mhumiex kif xehed il-konvenut. Issir referenza ghal messaggi li gew ezibiti a fol. 52 et seq minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ippruvat taghmel kuntatt mal-konvenut izda dana dejjem kien jivvinta xi skuza biex ma jirrispondix billi kien ighid jew li ma kienx jiflah, jew li kien meeting jew li l-mobile kien on silent. Is-socjeta attrici kienet anke ftehmet li jmorru on site biex jaraw x'ilmenti kellu l-konvenut imma dana lanqas hallihom jidhlu d-dar. Kien minhabba l-intranzigenza tal-konvenut li din il-laqgha ma saritx u l-affarijiet ma trangawx. Fl-ittra Dok. LC6 a fol. 75 hemm deskritt x'kien gara dakinhar u l-attitudini li ha l-konvenut fil-konfront tas-socjeta attrici fejn anke kien aggressiv fizikament.*

*Il-konvenut ighid li hu kellu jirrimedja ghad-difetti li kien hemm fix-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici. Huipprezenta dokumentazzjoni (ara fol. 131-134) imma dawn mhumiex fiscal receipts imma stejjem u anke kieku, ma saritx il-prova kif suppost dwar l-allegati pagamenti li l-konvenut ighid li ghamel biex jirrimedja. Inoltre hu ma ressaqx xhieda biex jissostanzjaw dak li qed jallega. Il-konvenut ma tax lis-socjeta attrici l-opportunita biex tivverifika x'kienu l-lanjanzi fir-rigward u jekk verament kienx hemm difetti.*

*Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut accetta l-affarijiet konsenjati u zammhom ghandu u ma rritornahomx. Hu kien jaf bl-istat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt imma huwa halla dak l-istat ta' fatt jkompli minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu u zamm l-oggetti allavolja skont hu ma kienux tal-kwalita pattwita. Ghalhekk ghandu jitqies li l-konvenut irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt. Il-konvenut zamm l-oggetti li jinghad li mhux tal-kwalita pattwita u eccepixxa biss il-kwistjoni meta gie mitlub li jhallas. Il-konvenut tilef kull dritt li seta' kellu bil-fatt li hu jaghzel li jzomm l-oggetti lilu konsenjati u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma kienx skont il-kwalita pattwita. Il-konvenut ghalhekk ippregudika irrimedjabbilment il-pozizzjoni tieghu u konsegwentement l-eccezzjoni fil-mertu qed tigi michuda u t-talba attrici qed tigi milqugha*

*Finalment jigi rilevat li s-socjeta attrici kellha dritt li zzomm xi oggetti u ma tikkonsenjahomx meta rat li hija ma kienitx se tithallas wara li ghadda z-zmien ghal pagament (art.1391 tal-Kap .16).*

6. Fit-13 ta' April 2021 il-konvenuti appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiċħad it-talba tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

7. Fl-10 ta' Mejju 2021 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Fl-ewwel aggravju il-konvenuti jilmentaw li Irene Agius u Clifton Galea, li kellhom jipprovdu s-servizz ta' ħjata u tqegħid ta' *railings, blinds* u purtieri, kellhom rapport ġuridiku mal-konvenuti li hu separat minn dak mal-attriċi. Fil-kuntratt stess li l-konvenuti iffirmaw ma' Pippa Toledo Design Limited, dan il-fatt hu konfermat. Għalhekk it-terzi li pprovdew servizz lill-konvenuti, daħlu f'kuntratt separat u l-attriċi ma tistax tindaħal u tressaq pretensjonijiet li huma separati mill-ftehim ta' bejgħ bejn l-attriċi u l-konvenuti. B'hekk it-talba tal-attriċi dwar pretensjoni ta' ħlas li terz seta' jew jista' jkollu fil-konfront tal-konvenuti, mhijiex possibbli.

9. Mill-provi rriżulta li kienet l-attriċi li nkarigat lil Irene Agius u Clifton Galea. Fil-fatt il-konvenut mistoqsi jekk kellux kuntatt magħhom, wieġeb *"Le nies li qabdet hi"* (fol. 119). Ma jirriżultax li qatt sar xi ftehim dirett bejn il-konvenuti u dawn il-persuni. L-attriċi ħallset lil dawn it-tnejn min-nies għas-servizz li taw. Il-Qorti fehmet li l-ħlas lil Agius u Galea kellu jsir kif jitwaħħlu r-*railings*, *blinds*, purtieri u jingħataw l-affarijiet l-oħra li għamlet

il-ħajjata. Madankollu l-ewwel darba li marru bl-affarijiet, il-konvenut infurmaha li ma kellux flus biex iħallas. Wara li tkellmu mad-direttur tal-kumpannija attriċi u tkellmet mal-konvenut, qaltilhom biex ikomplu. Madankollu meta daħlu fid-dar sabu li kien kullimkien bit-trab minħabba xogħlijiet li saru fil-fond u għalhekk ipposponew. Meta marru t-tieni darba, sar dak li kellhom jagħmlu. Spjegat ukoll kif ġurnata qabel marru, kienet ikkonfermat mad-direttur tal-kumpannija attriċi li jistgħu jmorru. Dan kollu jkompli jikkonferma kemm ir-relazzjoni ta' dawn it-tnejn min-nies kienet direttament mal-attriċi. Fil-fatt ix-xhud ikkonfermat li tħallset mill-kumpannija attriċi, *"Għax hekk kien il-ftehim qabel"* (fol. 97). Rilevanti wkoll li qabel il-kawża ġew skambjati ittri legali bejn il-partijiet. Fl-ittri mibgħuta mill-konvenuti (fol. 66 u 69) qatt ma ssemma li l-attriċi qiegħda titlob flus li kienu dovuti lil terzi. L-ittri magħmula kienu jikkonsistu f'ilmenti dwar ix-xogħol.

10. B'referenza għall-argument tal-konvenuti li mill-kuntratt li ffirmaw ma' Pippa Toledo Limited jirriżulta li r-relazzjoni tagħhom hi ma' terzi, jibqa' l-fatt li dik il-kumpannija ma kellhiex x'taqsam max-xiri ta' affarijiet mingħand l-attriċi. Il-purtieri, *blinds* u affarijiet oħra nxtraw mingħand il-kumpannija attriċi u kienet hi li nkarigat lill-ħajjata u Clifton Galea.

11. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, tiċħad l-ewwel aggravju.

12. Il-konvenuti argumentaw ukoll li fir-rikors maħluf ma ssemmiex li l-attriċi għamlet ħlas b'surroga lill-imsemmija terzi. Jinsistu li ma saret l-ebda prova ta' ftehim bejn l-attriċi u Irene Agius u Clifton Galea li sar ħlas b'surroga. Apparti li l-ħlas li għamlet l-attriċi ma jagħtix lok għall-ħlas b'surroga *ipso jure* skont l-art. 1166 tal-Kodiċi Ċivili. Ir-relazzjoni bejn it-terzi u l-konvenuti kellu jkun wieħed separat minn kull relazzjoni ġuridika oħra.

13. Però kif diġà osservat il-Qorti, l-attriċi kienet inkarigat lil Irene Agius sabiex tagħmel il-ħjata filwaqt li Clifton Galea kellu jwaħħal il-purtieri u l-*blinds*. Ma jirriżultax li dawn il-persuni qatt iddiskutew mal-konvenuti jew daħlu f'xi ftehim magħhom. Mill-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel aggravju, wieħed ikompli jikkonferma wkoll li dan l-ilment hu mingħajr bażi.

14. Fl-aħħarnett il-konvenuti jilmentaw ukoll li f'dan il-każ kien hemm relazzjoni ċara bejn il-kuntratt ta' disinn ma' Pippa Toledo Design Limited u dak mal-attriċi. Kull difett f'dak li sar, eżempju fil-purtieri u tappizzerija, jinċidi fuq il-merkanzija li biegħet l-attriċi. Il-bejgħ tal-materjal għall-purtieri ma jistax jiġi distakkat mill-fatt li x-xogħol ma sarx sew. Isostnu li hemm nuqqas fil-kwalità miftehma u fil-konformita tal-prodott finali. Ir-responsabbiltà aħħarija hi dik tal-attriċi għaliex il-materjal ma sserviex b'mod adegwat għall-iskop li għalih inbiegħ. Min ibiegħ għall-fini ta'

trasformazzjoni ta' dak li jbiegħ, għandu obbligu li dak li jbiegħ ikun tali li jwassal għall-prodott finali li riedu l-konvenuti. L-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar id-difetti u defiċjenzi, u ċjoè ksur tal-garanziji għall-affidament u fiduċja mistennija, hi wkoll ammissibbli fil-kuntest ta' azzjoni għall-kundanna għall-ħlas ta' bejgħ ta' materjal.

15. Il-Qorti ma taqbilx. L-attriċi biegħet lill-konvenuti d-drapp u l-materjal li ordnaw mingħandha. Jekk huma mhumiex kuntenti bil-pariri li ngħataw mill-kumpannija Pippa Toledo Design Limited, kellhom ifittxu rimedji kontriha. Ma jistgħux jużaw dawk l-ilmenti fil-konfront tal-attriċi li mingħandha xtraw il-materjal. Għalkemm id-direttur hi l-istess persuna, il-kumpanniji huma separati u distinti minn xulxin. *Inoltre*, Pippa Toledo Design Limited qatt ma kienet parti f'din il-kawża. Il-provi juru li l-materjal kollu li xtraw mingħand l-attriċi kien magħżul minnhom wara li tkellmu ma' Pippa Toledo. Għalkemm jissemma li x-xogħol hu difettuż, ma saritx prova li x-xogħol li għamlet il-ħajjata u Clifton Galea, kien ħażin. Rilevanti wkoll hu messaġġ li Pippa Toledo bagħtet lill-konvenuta dakinhar li twaħħlu l-purtieri u *roman blinds*. Fih jingħad li l-ħajjata qaltilha li l-konvenut ma kienx kuntent bil-kulur tal-purtieri u *throw overs* tas-sodod. Materjal li għażluh il-konvenuti. It-tweġiba tal-konvenuta kienet (fol. 56):

> *"There is nothing to worry about. I will forward the message to Alfred. We'll keep in touch in January. Happy Christmas to you and your family also. Thanks. Elena".*

16. Kliem li żgur li ma jagħtix wieħed x'jifhem li l-konvenuti kellhom ilment għall-prodott finali. Irene Agius stess ikkonfermat li meta sar ix-xogħol, il-konvenut ma lmentax dwar ix-xogħol li għamlet hi. Kien imbagħad f'messaġġ mibgħut f'Jannar 2018 li l-konvenuta nfurmat lill-attriċi li ser iħallsu biss ta' xi purtieri, li hemm żbalji u r-*roman blinds* jidhru barra minn posthom. Eventwalment daħlu fix-xena l-avukati. Kif osservat l-Ewwel Qorti, meta kien sar appuntament biex Pippa Toledo, Irene Agius u Clifton Galea jmorru fil-post biex jiddiskutu l-ilmenti li ssemmew fl-ittri legali mibgħuta mill-konvenuti, ma ħalliethomx jidħlu. Dan minkejja li f'ittra datata 20 ta' Frar 2018 (fol. 69) iddikjaraw li l-attriċi setgħet tmur tara l-purtieri. Il-Qorti tosserva wkoll li fl-ewwel ittra legali, datata 18 ta' Jannar 2018 (fol. 66), l-ilment dwar il-purtieri kien biss li hemm xi wħud li huma *"... very bulky, as a consequence of which, the windows do not open ....."* mingħajr ma ngħataw dettalji. Kien biss waqt il-kawża li l-konvenuti ppreżentaw lista dettaljata (fol. 128) bl-ilmenti u fejn issemmew ilmenti li fil-korrispondenza qatt ma ssemmew qabel. Nuqqas ta' konsistenza li ddaħħal dubju kemm hu ġenwin l-ilment tal-konvenuti. Il-konvenuti ppreżentaw kopja ta' ħames ritratti (fol. 122-126) li però f'erba' minnhom jidhru *blinds*. Ċertament li minnhom il-Qorti ma tistax tasal għal xi konklużjoni li x-xogħol li sar mill-ħajjata u/jew Clifton Galea hu difettuż.

<u>Deċiżjoni</u>

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb